Minuti

Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

ID-DISGHA LEGISLATURA

Laqgha numru 49 laqgha diferita
Estratt

12 t' Ottubru 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, it-tieni sular, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, fil-5:30 ta' filgħaxija.

Preżenti;

Desirei Grech – Kunsillier
Maurizio Gauci – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Luke Vella – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier

Assenti b'apologija:

Alfred Attard – Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier

Assenti:

Karl Cutajar – Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

49.1.1 Il -laqgħa tal-kunsill bdiet fil-5.30pm.

48.1.2 Is-sindku staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apoloġija u s-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li kien hemm tnejn dik tas-Sur Alfred Attard, u tas-Sur Stefano Sicari.

49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

49.2 .1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il minuti preċedenti tal- laqgħat Nu. 48 u 49,
Minuti ġew approvati mis-sur Maurizio Gauci u ssekondati mis sur Luke Vella Bħala Moqrija u korretti.

Is-sur Kaylocke innota li fil minuti tal Finanzi kellu jiġi innutat li telaq ftit qabel il ħin minħabba ix-xogħol.

49.3 Arisings mill-Minuti

49.3.1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti u s-Sur Kaylocke qal li tajjeb naraw x'kien ġie deċiż u x'sar mil laqgħaa preċedenti.

49.3.2 Is-segretarju Ezekuttiv Infurmat li kienet għamlet kuntatt ma IM rigward sprall li is-sur Antoine Attard kien irrapporta li kien ġie misdud bl-asfalt. Hi infurmat li il perita responsabbli mix-xogħol assigurat li l-ebda culvert ma ġie magħluq.

49.3.3 Is-Sa Marie Claire staqsiet dwar Triq Brighella fejn ġiet risposta li xogħlijiet għadhom għaddejjin.

49.3.4 Is-Sur Kaylocke staqsa dwar ix-xogħlijiet fi Triq Mannarino. Ġie spjegat li dawn ix-xogħlijiet għadhom pendenti u twaqqfu temporanjament minħabba l-bidu tas-sena skolastika, iżda huwa ppjanat li jitkomplew aktar tard matul dan ix-xahar.
Barra minn hekk, ser jibdew xogħlijiet fi Triq in-Notabile u fi Triq l-Imdina, li ser ikomplu fid-direzzjoni ta' Triq Ħal Qormi, sabiex isiru l-konnessjonijiet neċessarji tal-cables.
Madankollu, il-WSC ma pprovdiet l-ebda skeda ta' żmien għat-tlestija ta' dawn ix-xogħlijiet.

49.3.5 Sur Maurizio ikkummenta li qed isir xogħol fi triq Ħal Qormi . Segretarju infurmat li kien hemm talba permezz ta email sabiex isir ix-xogħol mid dipartiment ta drenaġġ sabiex jitnaddfu mini li ilhom 30 sena.

49.3. Is-Sur Antoine staqsa dwar it-tabella merħba ta' Fleur de Lys li sparixxiet. Huwa sostna li l-avukat ma kienx jaf biha. Is-Sindku talbet lis-segretarju sabiex tagħmel follow-up dwar il-kwistjoni. Is-Sur Kaylocke ikkummenta li hemm tabella oħra.

49.3.7 Is-Sur Antoine ikkummenta li jeħtieġ issir grid ħdejn il venda. Sindku qalet li ser tibgħat lil awtorità konċernata.

49.3.8 li Sa Rosette stqasiet rigward id-domandi li kienet staqsiet dwar id-domandi li kienet bghatet. Sindku qaltilha li kienet weġbita u fil-kas jerġgħu jitilgħu fil laqgħa **li** jmiss.

49.3.9 Is-Sa Marie Claire staqsiet dwar l-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku spjegat li din il-kwistjoni kienet parti mill-komunikazzjoni tagħha bħala Sindku. Hija informat lill-Kunsill li, wara l-aħħar laqgħa, intbagħtet korrispondenza lill-Ministru Byron Camilleri dwar is-sitwazzjoni tal-Għassa tal-Pulizija f'Birkirkara. Fir-risposta tiegħu, il-Ministru esprima l-intenzjoni li tinżamm il-preżenza tal-Pulizija fil-lokalità.
Is-Sindku spjegat ukoll li uffiċjali tal-Pulizija talbu aċċess għal kamra fis-sular t'isfel tal-binja tal-Kunsill. Madankollu, is-Segretarja Eżekuttiva ddeċidiet li tistenna diskussjoni mal-Kunsill qabel tittieħed deċiżjoni dwar din it-talba.
Is-Sindku enfasizzat li l-kamra hija żgħira u meħtieġa għall-operat tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, hija sostniet li għandha tinstab soluzzjoni li tippermetti li tinżamm il-preżenza tal-Pulizija fil-lokalità mingħajr ma jiġi affettwat il-funzjonament tal-Kunsill.
Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie maqbul li l-kamra tibqa' tintuża mill-Kunsill Lokali.u it talba tagħhom għanda tkun formali.

49.4 Rapport AGM

49.4.1 Is-Sindku tat introduzzjoni dwar il-ħidma li twettqet fil-lokalità, fejn semmiet, fost l-oħrajn, l-ippjanar u t-tħejjija tal-applikazzjonijiet għal diversi proġetti, fosthom il-Heritage Cluster, il-ġnien, il-Mitħna tal-Imrieħel, John Borg u r-riġenerazzjoni tal-Venda.
Hija semmiet ukoll ix-xogħlijiet li twettqu, fosthom ir-restawr tal-kampnar tal-Vitorja, kif ukoll ix-xogħlijiet fuq iz-zuntier, li mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. Barra minn hekk, irreferiet għax-xogħlijiet li saru u li għadhom għaddejjin fuq il-bankini, kif ukoll għall-kostruzzjoni ta' toroq ġodda fil-lokalità.

Is-Sindku tkellmet ukoll dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni u titjib li saru u li għadhom qed isiru fil-ġonna pubbliċi u fiż-żoni tal-logħob għat-tfal (play areas), bil-għan li dawn jinżammu f'kundizzjoni tajba u jkunu aktar siguri u aċċessibbli għall-pubbliku.
Fl-aħħar nett, hija enfasizzat il-ħidma kontinwa tal-Kunsill fit-trattament u s-soluzzjoni tal-ilmenti li jitressqu mir-residenti fuq bażi ta' kuljum, kif ukoll l-isforzi li qed isiru sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-komunità u titjieb il-kwalità tal-ħajja fil-lokalità.

49.4 2 Is-Sur Christian Vella ippreżenta rapport dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għat-tieni kwart tas-sena.. Ġie spjegat ukoll li dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat fit-tieni kwart minħabba li, wara l-bidliet li saru fiċ-Chart of Accounts, kien hemm xi dewmien fl-għeluq tal-kontijiet finanzjarji. Hu spjega kif avolja kien hemm din il bidla xejn ma ġie traskurat iżda kollox baqa miexi kif suppost u għalhekk kien f'posizzjoni komda li jgħati rendikont sewwa. Huwa spjega fid dettal id-Dħul u ħruġ flimkien ma spejjez relatati u dak li ġie ivvvotat fil Budget pjanat għall din is-sena. Mir-riżultati ppreżentati, hemm indikazzjoni ċara li l-Kunsill qed imexxi l-finanzi tiegħu b'mod tajjeb u responsabbli u enfasizza l-importanza li nibqgħu inżommu ma din ir-riga Is sur Vella irrisponda ukoll ghall ammont ta domandi li saqsew il-kunsilliera dwar dan ir-rapport.
Rapport ġie approvat unanimament bejn dawk preżenti.

49.5 Dekasteri

49.5.1 Is sindku qalet li hasset il bżonn li tgħamel tibdil fid dekasteri u għalhekk ħabbret ir-responsabiltajiet ġodda hekk kif ġej;-

1. Dr Desirei Grech – Sindku

Dekasteru: Proġetti Strateġiċi u Infrastruttura, Indafa Pubblika, Finanzi u Baġit, Skemi u Fondi, Sħubijiet bejn is-Settur Pubbliku u Privat (PPP), Komunikazzjoni u Media Soċjali, Rappreżentanza Reġjonali, Relazzjonijiet mal-Għaqdiet Lokali, Attivitajiet u Festi, Sigurtà Pubblika, Volontarjat, Ġonna u Spazji Pubbliċi, Innovazzjoni u Pubblikazzjonijiet.

2. Maurizio Gauci – Viċi Sindku

Dekasteru: Trasport u Mobilità Sostenibbli, Aċċessibbiltà, Konnettività Urbana, Komunitajiet u Żvilupp Komunitarju, Kwalità tal-Ħajja, Tnaqqis tat-Tniġġis Akustiku, Intrapriżi Żgħar u Komunità tal-Imrieħel.

3. Kaylocke Buhagiar – Kunsillier

Dekasteru: Kultura, Attivitajiet Kulturali, Wirt Storiku u Lokali, Turiżmu, Proġetti Kulturali, Binja Amministrattiva tal-Kunsill u Permessi.

4. Alfred Attard – Kunsillier

Dekasteru: Sport, Attivitajiet Fiżiċi u Promozzjoni ta' Stil ta' Ħajja Attiv.

5. Jade England – Kunsilliera

Dekasteru: Żgħażagħ, Tfal, Kunsill tat-Tfal, Empowerment u Komunitajiet tas-Swatar u Ta' Paris.

6. Gilmour – Kunsillier

Dekasteru: Integrazzjoni Soċjali, Solidarjetà u Ħarsien ta' Persuni Vulnerabbli.

7. Rita Borg – Kunsilliera

Dekasteru: Qasam Soċjali, Servizzi tas-Saħħa u Koordinazzjoni mal-Gvern Ċentrali.

8. Antoine Attard – Kunsillier

Dekasteru: Ambjent, Ippjanar u Komunità ta' Fleur-de-Lys.

9. Karl Cutajar – Kunsillier

Dekasteru: Enerġija Rinnovabbli, Kwalità tal-Arja u Żvilupp Sostenibbli.

10. Marie Claire Zammit – Kunsilliera

Dekasteru: Anzjani, Rwol u Parteċipazzjoni tan-Nisa fis-Soċjetà u Ġemellaġġi.

11. Luke Vella – Kunsillier

Dekasteru: Edukazzjoni, Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika (STEM), Librerija u Mużew tal-Ferrovija, Rappreżentanza Reġjonali.

12. Stefano Sicari – Kunsillier

Dekasteru: Inklużjoni Soċjali, Solidarjetà u Għajnuna lill-Persuni fil-Bżonn.

13. Rosette Cassar – Kunsilliera

Dekasteru: Ħarsien u Benesseri tal-Annimali, Kapaċità ta' Akkoljenza (Carrying Capacity) u Ġestjoni tal-Emerġenzi

49.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku

49.6.1 is-Sindku spjegat lil dawk preżenti li qed jiġi propost l-iżvilupp ta' applikazzjoni diġitali li tiġbor is-servizzi kollha tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara f'pjattaforma waħda. Din se tiffaċilita l-aċċess għas-Servizzi mhux biss tal Bulky imma ittejjeb il-komunikazzjoni mar-residenti u tippermetti li t-talbiet u l-informazzjoni dwar attivitajiet u inizjattivi jiġu ġestiti b'mod aktar effiċjenti.

Stima tal-ispiża:

- **€2,800 (ħlas ta' darba):** Għall-iżvilupp, it-twaqqif u l-implimentazzjoni inizjali tas-sistema.
- **€95 fix-xahar:** Għall-operat u ż-żamma kontinwa tal-applikazzjoni, skont is-servizzi inklużi fil-ftehim mal-fornitur.

Is-Sur Kaylocke staqsa jekk inġabrux kwotazzjonijiet oħra għal dan is-servizz, u s-Sindku wieġbet li se jsir dan. Il-kunsilliera staqsew jekk hux possibbli li ssir dimostrazzjoni tal-applikazzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar kif se jsir il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet link għal applikazzjoni attiva, sabiex il-kunsilliera jkunu jistgħu jaraw kif taħdem. Sar qbil li l-iżviluppatur tal-applikazzjoni jiġi mistieden jagħmel dimostrazzjoni quddiem il-Kunsill.

49.6.2. Is-Sindku informat lill-Kunsill li, flimkien ma' Marie Claire, qed tiġi organizzata attività b'risq il-kampanja *Pink October*, nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026, fil-Cortile Farmhouse, l-Iklin. L-attività tinkludi interventi informattivi minn rappreżentanti ta' *Action for Breast Cancer Awareness* u *Europa Donna Malta*, kif ukoll tombla. Id-donazzjoni għall-parteċipazzjoni ser tkun ta' €12, li tinkludi ikel, xorb u trasport. Il-qligħ nett ser jinqasam bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Sa MarieClaire qalet li sar reach out fil komunitajiet kollha.

49.6.3 Is-Sindku pproponiet li jiġi ppruvat is-servizz tal-ECO LESA għal xahar, darbtejn fil-ġimgħa, bi spiża ta' €1,480, sabiex jitnaqqas ir-rimi irregolari tal-iskart fil-lokalità. Hija spjegat li, minħabba limitazzjonijiet fil-kuntratt eżistenti, il-Kunsill għandu kontroll limitat fuq is-servizz tal-ġbir tal-iskart. Wara xahar, ir-riżultati jiġu evalwati sabiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk is-servizz għandux jitkompla. Ġie nnutat ukoll li l-Kunsill jirċievi lura 10% mill-ammont ta' kull ċitazzjoni maħruġa. Is-sidku spjegat li dawn ma jistghux jghatu citazzjoni jekk ikun hemm borza barra biss iridu jinqabdu fil fatt.

Is-Sur Kaylocke staqsa kemm ser ikun effettiv dan is-servizz u qal li jahseb li jekk titpoġġa sticker fuq il borża ikun aħjar sabiex dak li jkun jinduna li ħareġ il borza mhux fil hin.
Segretarju Ezekuttiv qalet li jaf ir-resident jilħaq ma jarx l-istiker u għalekk xorta ma jasalx il messag. Huwa qal li mela tintbghat ittra.
Giet diskussa ukoll is-saħħa tar Reġjun fejn kien hemm l-abbuż u ghaliex il-kolettur qed jgħaddi kmieni li qed jisfoza lir residenti johorgu l-iskart min filgħaxija.
Kien hemm qbil li nippruvaw is-servizz għal xhar biss u naraw min hemm.

19,24pm Is-Sur Maurizio Gauci talab li jiġi skuzat u ħareġ mil laqgħa.

49.6.4. Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar iż-żjara uffiċjali li saret f'Quartu Sant'Elena, Sardinja, bejn l-10 u l-15 ta' Settembru 2026, flimkien mal-Kunsillier Kaylocke Buhagiar, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Liena. Matul iż-żjara saru laqgħat ma' rappreżentanti lokali, li minnhom ħarġet il-possibbiltà li jiġi stabbilit ġemellaġġ uffiċjali bejn iż-żewġ lokalitajiet.
Is-Sindku spjegat li din l-applikazzjoni kienet bdiet taħt il ħidma tas-sur Francis Pullicino ex kunsillier. Il-Kunsill Loklai ta' bBirkirkara ġie infurmat b'urġenza li kienet ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni mil kunsill ta' Kwartu. Huma saqsew għadniex interessati u f'dan listadju ma konna mitluba ngħamlu xejn hlief naċċettaw. Din hi parteċipazzjoni fil-proġett Ewropew HELEN – Heritage, European Local Engagement and Networks, bl-għajnuna ta' Focus Europe, li għadu fl-istadju ta' proposta u huwa suġġett għall-approvazzjoni tal-fondi Ewropej.
Għalhekk, is-Sindku ressqet proposta għat-twaqqif ta' Sottokumitat għall-Ġemellaġġ, magħmul minn membri tal-Kunsill u rappreżentanti mill-oqsma reliġjużi, storiċi, kulturali u mużikali, sabiex jikkoordina l-preparamenti, l-attivitajiet u l-inizjattivi relatati mal-ġemellaġġ.

1. Dr Desirei Grech – Sindku ta' Birkirkara u Chairperson tas-Sottokumitat.
2. Marie Claire Zammit – Kunsilliera u Membru. Kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-Ġemellaġġi.
3. Kaylocke Buhagiar – Kunsillier u Membru. Kunsillier responsabbli fl-oqsma tal-kultura, il-wirt lokali u t-turiżmu.
4. Rappreżentant tal-Kapitlu Elenjan. Rev. Monsinjur Louis Suban, Prepostu tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena, sabiex ikun parti minn dan is-Sottokumitat.
5. Mario Gauci – Storiku Karkariż..
6. Alan Saliba – Espert fil-Qasam Mużikali.
7. Is-Sur Paul Camilleri – Għalliem u Espert fil-Lingwa Taljana.

Is-sindku staqsiet ghall approvazzjoni ta dan is-sottokumitat u Vot kien hekk kif gej.

Astjena 1, Ma approvawx 2, Approvaw 5 . **Vot ghadda.**

49.6.5 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-ftehim tal-kera mad-Dipartiment tas-Saħħa, li bħalissa jammonta għal €91,000 fis-sena u jiġġedded kull ħames snin.

Hija pproponiet li, qabel it-tiġdid, jiġu nnegozjati kundizzjonijiet aktar favorevoli, fosthom iż-żieda fil-kera, it-tqegħid tal-parkeġġ estern taħt il-kontroll tal-Kunsill wara t-8:00 p.m., it-tneħħija ta' apparat antik minn fuq il-bejt u l-kontribut finanzjarju tal-Ministeru għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswijiet strutturali meħtieġa fil-binja.

Is-Sindku qajmet ukoll il-kwistjoni tal-Monti ta' Birkirkara u l-problemi relatati mal-parkeġġ u l-aċċessibbiltà fiż-żona. Għaldaqstant, ipproponiet li jiġu diskussi arranġamenti sabiex ma jingħatawx appuntamenti fid-Dipartiment tas-Saħħa nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa, jiġifieri fil-ġranet tal-Monti.

Il-Kunsill ġie mistieden jiddiskuti dawn il-proposti u jasal għal pożizzjoni komuni qabel jibdew in-negozjati formali mal-awtoritajiet konċernati dwar it-tiġdid tal-ftehim.

Is-sur Kayloke staqsa liema parti ikopri dan il ftheim u x'kien ikopri bhala responsabilta .

Sa Marie Claire irrimarkat li dan ghandu jkun bhal kondominju ta falts.

Is sur Gilmour staqsa dwar sigurta fejn gie rispost li cameras ghandna u jahdmu.

Sur Antoine staqsa dwar panelli u jekk jaħdmux. U gie rispost li ser nitolbu li jigi engineer li jigi jiccekja.

Gie maqbul li ikun hemm preżenti Avukat u konsulent sabiex jigi rivedut dan il kuntratt.

46.6.6 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar każ ta' allegat abbuż minn ħaddiem assenjat mal-Kunsill permezz tal-Community Work Scheme (CWS), fil-kariga ta' watchman. Il-ħaddiem allegatament xtara għodda u oġġetti oħra mingħand fornitur tal-Kunsill, b'valur ta' madwar €600, mingħajr awtorizzazzjoni.

Is-Segretarja Eżekuttiva spjegat li, wara proċess ta' verifika tal-fatturi, irriżulta li l-ħaddiem kien għamel dan l-abbuż. Hija infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiem qatt ma kellu awtorizzazzjoni biex jagħmel xiri f'isem il-Kunsill. Il-fornitur ġie infurmat bil-każ u sar ukoll rapport lill-Pulizija. Il-ħaddiem tneħħa mill-Kunsill, filwaqt li l-ammont dovut għadu ma tħallasx. Ġie enfasizzat li għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex il-Kunsill ma jinżammx responsabbli għal xiri mhux awtorizzat.

46.6.7 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar żjara fuq il-post mar-rappreżentanti ta' Project Green, fejn ġie spjegat li, wara r-riġenerazzjoni tal-ġnien ta' Villa Chelsea, dan ser ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva, li ser toffri spazju miftuħ lir-residenti u tgħin biex titnaqqas l-istigma marbuta mas-saħħa mentali. Il kunsilliera staqsew jekk kienux infurmati qabel b'di l-attivita u xoghol.

Is-Sindku pproponiet ukoll li jsiru diskussjonijiet ma' Project Green sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li l-proġett jiġi estiż biex jinkludi sistema ta' irrigazzjoni għal Ġnien l-Istazzjon, permezz tar-restawr u l-użu tal-ġibjuni eżistenti, suġġett għall-evalwazzjoni teknika meħtieġa.

Is-sur Kaylocke staqsa jekk konniex infurmati u sindku qalet li fil bidu ma konniex infurmati iżda wara ġejna infurmati permezz ta email. Huwa talab li laqgħat importanti il kunsilliera jigu infurmati permezz ta telefonata.

46.6 8. Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-komunità tal-anzjani ta' Fleur-de-Lys talbet għajnuna finanzjarja għall-organizzazzjoni tal-party tal-Milied. Ġiet proposta għajnuna ta' madwar €200 għal dan l-għan. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

46.6.9 Is-Sindku infurmat li Tressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta minn Focus Europe sabiex il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jipparteċipa bħala sieħeb fil-proġett FISHNEXT, li għandu l-għan li jgħin negozji żgħar fis-setturi tas-sajd u tat-turiżmu jiddiversifikaw id-dħul tagħhom permezz ta' pjattaforma diġitali. Is-Sindku qalet li dan hu proġett pilota fejn iressaq dan is-settur lejn irħula rurali u hemm fond ta €92,000 jekk din l-applikazzjoni tiġi aċċettata. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk prezenti.

49.6. 10 – Bidla fl-Għan tal-Applikazzjoni SPI/SCI/05/2026 – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità

Is-Sindku informat lil dawk preżenti dwar l-applikazzjoni sottomessa taħt l-iskema SPI/SCI/05/2026, Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità. Ġie spjegat li, fid-dawl tal-fatt li l-proposta oriġinali kienet taqbeż l-ammont ta' finanzjament disponibbli taħt l-iskema, il-Kunsill Lokali qed jipproponi li jinbidel l-għan tal-applikazzjoni sabiex ir-riżorsi jkunu jistgħu jiġu diretti lejn ħtieġa oħra importanti fil-lokalità.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali qed jipproponi li l-applikazzjoni tiġi riveduta sabiex tiffoka fuq ir-riġenerazzjoni u t-titjib tal-bandli pubbliċi f'Birkirkara, li jinsabu fi stat ħażin u jeħtieġu intervent sabiex jittejbu s-sigurtà, il-kundizzjoni u l-funzjonalità tagħhom. Ix-xogħlijiet proposti jinkludu t-tibdil tal-artijiet eżistenti u l-installazzjoni ta' tagħmir ġdid għal-logħob tat-tfal bil-għan li jinħolqu spazji aktar siguri, moderni u xierqa għat-tfal u għall-familji tagħhom.

Wara diskussjoni dwar il-proposta, dawk preżenti qablu unanimament mal-bidla fl-għan tal-applikazzjoni u mal-proposta li l-proġett jiġi indirizzat lejn ir-riġenerazzjoni tal-bandli pubbliċi tal-lokalità.
Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill Lokali jipproċedi bir-reviżjoni tal-applikazzjoni u jinnotifika lid-Dipartiment ikkonċernat dwar il-bidla proposta fl-għan tal-proġett.

Sa Marie Claire qalet li kien hemm min avvicina sbiex iċ-ċint jigi mgħolli . is-sindku irrispondiet li tfal għandhom ikunu supervised u ma jistgħux jilgħabu bil ballun.

49.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

49.7.1 Is-Sindku qalet li irċeviet domandi mingħand is-sur Kaylocke Buħagiar. :

Sprall li jilqa' l-ilma tax-xita – Triq Tumas Fenech,
Il-gradilja tal-ħadid li hemm f'dan is-sprall inħallet u qed tagħmel ħafna storbju kull darba li tgħaddi karozza minn fuqha. Hemm bżonn li ssir il-manutenzjoni meħtieġa biex tissolva din il-problema.

Segretarju Eżekuttivinfurmat li diġa għamlet komunikazzjoni darbtejn mal kuntrttur sabiex jiġi jorbot il gradilji anki ghall fatt li l-istess sprall ghadu taħt garanzija.

Bus shelter wara l-Bażilika ta' Sant'Elena fi Triq il-Ħerba ma' Triq Mike Pulis,
Bus shelter f'dan il-post huwa xi ħaġa li qatt ma saret, iżda li verament hemm bżonnha. Jekk ser nikkunsidraw li jsir wieħed, huwa importanti li d-disinn tiegħu jkun jaqbel mal-estetika u l-karattru tal-Bażilika ta' Sant'Elena,

l-sindku qalet milli jidher hemm diga pedamenti sabiex isir dan il bus shelter. Is segretarju ġibdet l-attenzjoni hux il kas li niccekjaw ma Faces il kumpanija li kienet rebhet it tender .

Arloġġ
Punt ieħor li ta' min nikkunsidraw huwa li, madwar 20 sena ilu, f'dan il-post kien hemm arloġġ fuq arblu. Naħseb li għandna nikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li dan l-arloġġ jerġa' jsir fil-futur, sabiex inkomplu nsebbħu din iż-żona u nżommu l-karattru tagħha.

Wara diskussjoni qasir sar qbil li tinstab il possibilta ta sponsor u jsir l-arloġġ.

Xogħlijiet fit-toroq
Fiex waslu ix-xogħlijiet fit-toroq li ġejjin u jekk hemmx aktar,

- Triq Mannarino – Giet diskussa fil bidu tal-laqgha.
- Bankini fi Triq il-Wied – Xogħol ser jinbeda fis-26 ta Ottubru.
- Triq il-Wied, in-naħa tal-Kunvent -Segretarju wieġbet li sa dakinhar ma rċeviet l-ebda update minghand IM.
- Triq P.P. Castagna – Parti min Misraħ San Alwiġi diġa tinsab leats servizzi bankini u asfaltar. Inbdiet it tieni biċċa u kif tit lesta ikompli ix-xoghol fi triq Santa tereza. Wara ikomplu xogħolijiet hekk kif ġew applikati it toroq ma PWD.

- Triq San Ġiljan – Is-sindku infurmat li intbaghatu bosta emailsghall update fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-ahhar korispondenza qalu li ser isir proġett ta culvert ikbar li jilqa il fluss ta ilma li jinżel ġo din it triq iżda ma ingħata l-ebda risposta dwar is-sitwazzjoni preżenti fejn resident isofru gharghar meta tghamel ix-xita.

Sprall ta' fuq il-pont – Triq Santu Rokku,
Jidher li l-isprall ta' fuq il-pont fi Triq Santu Rokku qed jiddeterjora sew u hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata din il-problema qabel ma s-sitwazzjoni tkompli tmur għall-agħar. -Il kunsill ser ikun qed japplika ma PWD sabiex dan l-isprall jitranga.

Sprall fi Triq iż-Żebbieħa,
Dan l-isprall ilu jiġi rrapportat għal aktar minn sena. Jidher li fih hemm konkos imwebbes li tħalla minn xi ħadd li kien qed jaħdem fil-viċinanzi tiegħu. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex din il-problema tiġi indirizzata.
– Is-segretarju Eżekuttiv informat li minħabba ic-cokon tal culvert qed tinstab soluzzjoni alternattiva għaliex diffiċli li jidħol makkinarju biex jitkisser dan il koncrete.
Kayloke qal li ghandha tittiehed azzjon immedjata u jekk hemm bzonn jinġieb makkinarju akbar.

Latrini – Ġnien l-Istazzjon,
Diversi persuni qed jiġbduli l-attenzjoni li dawn il-latrini mhux qed jitnaddfu u jinżammu fl-indafa kif suppost. Hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni lit-tindif u l-manutenzjoni tagħhom sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba għall-użu tal-pubbliku.
-Is-segretarja infurmat li dawn jitnadfu ta kuljum u qed jiġu vandaliżżati kontinwament. Ġie deċiz li jibdew jingħalqu kmieni.

kommunikazzjoni
Nitlob li, meta l-kunsilliera jkunu mistiedna għal xi attività jew avveniment u l-Kunsill ikun infurmat b'dan, ma tintbagħatx biss email, iżda ssir ukoll telefonata lill-kunsilliera kkonċernati sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikun infurmat kif xieraq.

Ħamiem salvaġġ – Inħawi tal-Bażilika ta' Sant'Elena,
Fl-inħawi tal-Bażilika ta' Sant'Elena, hemm diversi persuni li qed jitimgħu l-ħamiem b'mod illegali. Għaldaqstant, nitlob li jitwaħħlu tabelli ta' infurzar li jindikaw b'mod ċar li t-tmigħ tal-ħamiem huwa pprojbit, flimkien mad-dettalji tal-multa applikabbli għal min jikser din ir-regola.
Dan sabiex titnaqqas il-problema tal-ħamiem salvaġġ u jinżammu l-indafa u l-iġjene fl-inħawi tal-Bażilika.
– Is sindku infurmat li il kunsill applika sabiex jinqabdu il ħamiem iżda il posizzjoi tghanghadha lura. Aħna ukoll mistennija li nixtru gaġġeġ u niehdu hsieb li niehdu dan il ħamiem il biċċerija.

49.8 Rapporti

49.8.1 Ma kien hemm Xejn

49.7 Amministrazzjoni

49.7.1 Is-Sindku informat lill-Kunsill li, skont il-proċeduri tal-Ftehim Kollettiv il-ġdid, iż-żewġ ħaddiema klerikali impjegati part-time fi Skala 16 jeħtieġ li jgħaddu minn sejħa interna sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għal impjieg full-time. Għaldaqstant, ser terġa' tinħareġ sejħa interna sabiex il-proċess jiġi regolarizzat skont ir-rekwiżiti amministrattivi applikabbli.

49.7.2 Is-Sindku informat lill-Kunsill li għas-sejħa għall-pożizzjoni ta' ħaddiem fi Skala 16 ġew sottomessi tliet applikazzjonijiet, li minnhom żewġ kandidati attendew għall-intervista quddiem il-Bord tal-Għażla. Wara l-evalwazzjoni skont il-kriterji stabbiliti, il-Bord irrakkomanda lill-kandidat li kiseb l-ogħla punteġġ. Rapport ġie prezentat quddiem il kunsill għall approvazzjoni. Rapport approvat u Kien hemm qbil unanimu bejn dawk prezenti.

49.8 Tenders

49.8.1 Tender Contracts manerger u tender tar rigenerazzjoni tal venda qed jinhadmu

49.9 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet

49.9.1 Skedi ta Hlasijiet u petty cash ġew approvati mis Sa Marie Claire u sekkondati mis sur Luke bhala koretti.

49.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.10 1 wara li ġiet eżawrita l-aġenda il laqgha ġiet fi tmiema fit 8.45pm . Dta għall laqgha li jmiss giet stabbilita ghall nhar it tnejn 26 t'Ottubru fil 5.30pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto
Segretarju Eżekuttiv